**Nru. 491**

**AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI (ERA)**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (S.L. 504.79), u minħabba li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: TRK 162983 (EA 00006/16)
Lokalità: Sit fi Triq Tal-Ibraġġ , Is-Swieqi
Proposta: Biex jiġi ssanzjonat il-bini ta' garaxxijiet/imħażen, bini ta' dar u biex tiġi ffurmata triq.

Dawn l-impatti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi fil-5 ta' Frar, 2016 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fil-15 ta' Marzu, 2016.

**No. 491**

**ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY (ERA)**

**Notification of Exemption from Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (S.L. 504.79) with respect to the application mentioned hereunder and in view of the fact that the Environment and Resources Authority has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and the Environment and Resources Authority has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: TRK 162983 (EA 00006/16)
Location: Site, Triq Tal-Ibraġġ , Swieqi
Proposal: To sanction the construction of garages/warehouses, construction of dwelling and formation of road

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to the Environment and Resources Authority on the 5th February, 2016 and the justification for the exemption from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 15th March, 2016.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impacts*** | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Impenn ta' art rurali | L-impenn ta' art rurali għall-żvilupp bħal dan li jista' ningkoraġixxi tifrix kontinwu ta' żvilupp ta' natura urbana f'żoni relattivament rurali fil-madwar mhux rakkaomandat. Il-prinċipju ta' żvilupp bħal dan huwa meħtieġ li jiġi diskuss aktar permezz tal-proċess tal-ippjanar. |
| *Rural land take-up* | *The commitment of rural land to such development which may encourage continued sprawl of additional urban development and site formalisation in a relatively undeveloped rural area, is not recommended. The principle of such development is required to be discussed further through the mainstream development mechanism.* |

| | |
|---|---|
| Impatti mill-ġenerazzjoni tal-iskart | M'huma mistennija l-ebda impatti sinifikanti waqt il-fażi ta' kostruzzjoni, minħabba li hemm il-potenzjal li l-materjal skavat waqt ix-xogħolijiet jista jerġa' jiġi riutilliżżat għal xogħol fuq il-sit, u għal *backfilling*, jekk ikun hemm bżonn.<br>L-ebda ammont sinifikanti ta' skart mhu se jigi ġġenerat waqt l-operat; madankollu kull prekawzjoni xierqa għandha tigi implimentata, hekk kif stabbilit fir-Regolamenti tal-Ġestjoni tal-Iskart (Avviż Legali 184 tal-2011, kif emendat). |
| *Impacts from waste generation* | *No significant impacts are envisaged during the construction phase, given that there is potential for the excavated material to be re-used on site and for backfilling, if required.*<br>*No significant amounts of solid wastes shall be generated during operations, however appropriate precautions would need to be implemented. The management of waste is subject to the provisions laid out in The Waste Management Regulations (Legal Notice 184 of 2011, as amended).* |
| Impatti li jirriżultaw minn tixrid ta' likwidi fl-ambjent | Tixrid potenzjali ta' likwidi waqt il-fażi ta' kostruzzjoni jista' jittaffa permezz tal-applikazzjoni korretta ta' miżuri ta' mitigazzjoni xierqa identifikati fir-Regolamenti 2007 dwar l-Immaniġġjar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, 2007, flimkien ma' salvagwardji oħra standard fil-permess għall-iżviluppi industrijali.<br>Matul l-operat, it-taħlita ta' miżuri standard bbażati fuq id-disinn u l-operate għandu jkun biżżejjed biex jiżgura li ma jkunx hemm riskji ta' kontaminazzjoni tal-art jew tal-ilma minn rilaxxi ta' nkwinanti. |
| *Impacts arising from liquid spillages/leaks into the environment* | *Potential liquid spillages during the construction phase can be mitigated through the proper application of appropriate mitigation measures identified in the Environmental Management Construction Site Regulations, 2007, combined with other standard permit safeguards for industrial developments.*<br>*During operation, a combination of standard design-based and operational measures should be sufficient to ensure that there are no risks of contamination of land or water from releases of pollutants.* |

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi żżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Is-17 ta' Mejju, 2016

Notwithstanding the above, the Environment and Resources Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

17th May, 2016

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 73**

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

**Iż-Żejtun**

Nhar il-Ħadd, 12 ta' Ġunju, 2016 mit-8.30 a.m. 'il quddiem minn Pjazza Gregorio Bonnici, Triq Madonna tal-Bon Kunsill, Misraħ Carlo Diacono, Triq San Pawl, Pjazza Santa Marija, Triq Santa Marija, Triq Luqa Briffa, Triq Santa Monika, Triq San Girgor u Misraħ Repubblika.

Nhar it-Tnejn, 13 ta' Ġunju, 2016 mis-7.30 p.m. 'il quddiem minn Misraħ Repubblika, Triq il-Kbira, Misraħ il-Bjar, Triq Bandolier, Triq Mikiel Cachia, Triq id-Duluri, Triq Santu Wistin u Triq San Girgor.

POLICE NOTICE

**No. 73**

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

**Żejtun**

On Sunday, 12th June, 2016 from 8.30 a.m. onwards through Pjazza Gregorio Bonnici, Triq Madonna tal-Bon Kunsill, Misraħ Carlo Diacono, Triq San Pawl, Pjazza Santa Marija, Triq Santa Marija, Triq Luqa Briffa, Triq Santa Monika, Triq San Girgor and Misraħ Repubblika.

On Monday, 13th June, 2016 from 7.30 p.m. onwards through Misraħ Repubblika, Triq il-Kbira, Misraħ il-Bjar, Triq Bandolier, Triq Mikiel Cachia, Triq id-Duluri, Triq Santu Wistin and Triq San Girgor.